**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**4 ta' April, 2021**

# L-GĦID IT-TAJJEB!

Dis-sena l-uniku mod li se jkollna biex niċċelebraw l-Għid huwa propju billi ngħidu "L-Għid it-Tajjeb" lil xulxin. Għalhekk sewwa li xħin insellmu lil ta' madwarna, f'moħħna u qalbna jkollna dawn is-sentimenti għeżież:



"L-Għid it-Tajjeb", jiġifieri, nixtieqlek li tiftakar li Ġesù huwa ħaj. Ma aħniex nistagħġbu sempliċement għax Marija ta' Magdala sabet qabar vojt imma għax Ġesù ħaj deher lil ħbiebu.

"L-Għid it-Tajjeb" tfisser li inti temmen li s-salib jgħaddi wkoll u bħal Ġesù aħna llum jew għada nagħmlu esperjenza ta' bidla għall-aħjar. Aħna ngħaddu ħafna minn ħajjitna fil-biża'. Meta nkunu tfal żgħar nibżgħu li se nitilfu lil ommna fil-folla, imbagħad fl-adolexxenza nibża' li m'iniex se nkun aċċettat, fiż-żgħożija nibża' li se nkun ittradut. Imbagħad nibża' miż-żwieġ jew li nitlef ix-xogħol jew li ma nlaħħaqx mal-ħajja. Imbagħad nibża' li t-tfal li rabbejt sewwa se jaqbdu triq ħażina. Bħalissa qed nibżgħu li se nibqgħu lsiera ta' sitwazzjoni ta' xkiel bil-possibbiltà li nimirdu, bil-Covid-19. Hawnhekk trid tgħid "L-Għid it-Tajjeb" minn qalbek, biex turi li inti tafda fil-Mulej Ġesù u temmen li Hu qed imexxi d-dgħajsa.

F'isem sħabi s-saċerdoti u f'ismi, nixteqilkom is-sliem u l-barka. L-Għid it-Tajjeb. Jalla l-Mulej jagħtina mogħdija tajba, għal dak kollu li hu tajjeb, ma' Kristu Rxoxt.

***L-Arċipriet***

**RINGRAZZJAMENTI**

**DAR ARKA:** inġabru ħafna oġġetti għal Dar Arka, wara li saret sejħa lill-komunitajiet parrokkjali f'Għawdex kollu. Nirringrazzjaw lil dawk il-persuni li għenu b'lożor, kutri u materjal tal-ħasil.



**IĊ-ĊENTRU TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ** jirringrazzja lill-Kunsill Lokali tan-Nadur, lill-Aġenzija Żgħażagħ kif ukoll lil għadd ta' voluntiera li dejjem għenu fil-fundraisings li organizzaw. Bl-għajnuna ta' dawn kollha, issa ġiet armata l-kċina fejn fiha ser isiru attivitajiet kulinarji għall-adolexxenti tagħna.

**ROKNA EKOLOĠIKA - L-EKONOMIJA MHIX KOLLOX**

Ma nistgħux inqisu l-progress tal-bniedem minn kemm huwa jagħmel progress ekonomiku. Illum mal-ekonomija wieħed irid jikkunsidra l-fattur ekoloġiku u dak tal-impatt soċjali fuq min hu żgħir. Inutli li biex nagħmlu żvilupp nitilfu l-ambjent sabiħ. Il-progress ekonomiku huwa tajjeb meta jkun vijabbli u sostenibbli.

**Waqt li l-knisja hija magħluqa dawn huma l-ħinijiet tal-quddies li qed jiġu mxandra fuq Radju Luminaria u l-mezzi tax-xandir tal-parroċċa.**

**Ħdud u Festi:** 9:00a.m., 11:00a.m. u 5:00p.m.
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 9:00a.m. u 5:00p.m.